MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Numru. 371/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**CHRISTOPHER SHEPARD**
**JOSEPH CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Shepard, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 19870G u l-imsemmi Joseph Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 110672M.

**Akkuzati talli:**

Nhar il-25 ta` April, 2008, u fil-granet ta` qabel din id-data, f'Malta, assocjaw ruhhom bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta` prigunerija, u cioe` bil-ghan li flimkien jikkommettu reat ta` serq aggravate minn gewwa residenza numru 20, St. Joseph, Xatt l-Imsida, Msida, liema delitt kien ser ikun aggravat bil-mezz, valur, lok u hin;

U aktar talli nhar il-25 ta` April, 2008, u fil-granet ta` qabel din id-data, f'Malta assocjaw ruhhom bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta` prigunerija, u cioe` bil-ghan li flimkien jikkommettu reat ta` serq aggravat minn fuq il-persuna ta` Kerstien Meilak gewwa Triq il-Htarijiet, Mosta, liema delitt kien ser ikun aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u hin;

U aktar talli irrendew ruhhom recidivi ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru efinittivi u ma jistghux jinbidlu.

**Lil Christopher Shepard wahdu akkuzat ukoll talli:**

Nhar l-4 ta` Marzu, 2008, ghal habta tal-ghaxra ta` filghodu (10:00hrs) gewwa Fuq Verdala, Bormla, ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru EQZ035 ghad-dannu ta` Sandro Caruana u Michael Caruana, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat il-Fedina Penali tal-imsemmija imputati;

Rat l-Artikoli indikati u cioe`l-Artikoli 48 A, 49, 50, 261, 263, 267, 271 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuzi li ngabu kontra l-imputati, din il-Qorti giet informata li dawn il-proceduri gew istitwiti biss wara l-istqarrijiet li kienu ghamlu volontarjament l-imputati u wara li l-imputat Christopher Shepard kien cempel lill imputat l-iehor Camilleri fil-presenza tal-Pulizija meta huwa kien gie arrestat fl-investigazzjoni tat-tielet akkuza migjuba kontrieh, fejn tra altro iddiskuta d-dettalji ta' serqa li kienet ppjanata bejnu u l-istess Camilleri.
In-vista tal-Guris Prudenza lokali recenti jekk dawn l-istqarrijiet b'din it-telefonata huma l-unika prova li tezisti sabiex tigi stabbilita l-kolpevolezza u r-responsabilita tal-imputati, din l-evidenza unika mhux ammessa.

Illi fil-fatt kien jirrizulta li din kienet l-unika evidenza li tista twassal ghas-sejbien ta' responsabbilita taz-zewg imputati f'dawn iz-zewg akkuzi, skond kif kien irrizulta wara li l-Qorti ezaminat il-process kollhu.

Minhabba dawn il-motivi l-Qorti ma tistax issib lill-imputati hatja tal-ewwel zewg akkuzi lilhom addebitati, u minnhom tilliberhom.

Rigward it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Christopher Shepard li ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, izda ikkontesta l-valur ta' din is-serqa, il-Qorti wara li rat l-atti u semghet lill-partijiet, tiddeciedi li l-valur

misruq ma jaccedix l-elf Lira Maltin (Lm1,000) jew elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin ewro u seba' u tletin ewro centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti wara li hadet in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li semghet il-mod ezemplari li qed igib ruhu Christopher Shepard fil-habs civili, u wara li hadet in-konsiderazzjoni r-recediva fil-konfront tal-imputat Christopher Shepard, l-istess temmen li piena karcerarja piena effettiva ghandha tkun imposta u ghalhekk tikkundannah ghal tlettax (13) il-xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv.

Fir-rigward tal-imputat Joseph Camilleri, din il-Qorti rat ir-rikors datat 6 ta' Settembru, 2012, semghet lill-partijiet u tiddeciedi billi tikkoncedi li l-imputat ihallas il-multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest f'rati mensili ta' mitt ewro (€100) fix-xahar, bil-patt u l-kundizzjoni li jekk ifalli anke pagament wiehed huwa jista` jigi arrestat immedjatament u jitlef il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------